I

*(Atti leġislattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) Nru 640/2010 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

### tas-7 ta' Lulju 2010

### li jistabbilixxi programm ta' dokumentazzjoni tal-qbid għat-tonn *Thunnus thynnus* u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1984/2003

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) L-Unjoni hija Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE ([3]), għall-Ftehim dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dik il-Konvenzjoni fir-rigward tal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokk tal-ħut transżonali u ta' ħut li jpassi ħafna ratifikat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/414/KE ([4]) u għall-Ftehim li jippromwovi r-rispett tal-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ġestjoni mill-bastimenti tas-sajd fl-ibħra internazzjonali aċċettata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/428/KE ([5]). Fil-qafas ta' dawk l-obbligi internazzjonali, l-Unjoni tipparteċipa fl-isforzi magħmula sabiex tkun żgurata ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut li jpassi ħafna.

(2) L-Unjoni hija Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (il-Konvenzjoni ICCAT) skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE ([6]). Il-Konvenzjoni ICCAT tipprevedi qafas ta' kooperazzjoni reġjonali dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tat-tonn u speċijiet li jixbħu t-tonn fl-Oċean Atlantiku u l-ibħra ta' madwaru billi stabbiliet Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u għall-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT li jsiru vinkolanti fuq il-Partijiet Kontraenti, il-Partijiet Mhux Kontraenti f'Koperazzjoni, entitajiet u entitajiet tas-sajd (PKK).

(3) Ir-Rakkomandazzjonijiet ICCAT 1992-01, 1993-03, 1996-10, 1997-04, 1998-12, 03-19 u 06-15 u r-Riżoluzzjonijiet 1993-02, 1994-04 u 1994-05 dwar programm dwar dokument ta' statistika għat-tonn ġew implimentati bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1984/2003 tat-8 ta' April 2003 li jintroduċi sistema għall-monitoraġġ ta' statistika tal-kummerċ fit-tonn aħmar, il-pixxispad u t-tonn alalunga fi ħdan il-Komunità ([7]).

(4) Bħala parti mill-miżuri għar-regolamentazzjoni tal-istokkijiet tat-tonn, għat-titjib tal-kwalità u l-kredibilità tad-data tal-istatistika u għall-prevenzjoni, id-deterrenza u l-eliminazzjoni tas-sajd illegali, l-ICCAT, fil-laqgħa annwali tagħha f'Recife (Brażil), fil-15 ta' Novembru 2009, adottat ir-Rakkomandazzjoni 09-11 li temenda r-Rakkomandazzjoni 08-12 dwar programm ta' dokumentazzjoni tal-ICCAT dwar il-qbid tat-tonn. Dik ir-Rakkomandazzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2010 u jeħtieġ li tkun implimentata mill-Unjoni.

([1]) Opinjoni tas-17 ta' Marzu 2010 (għada mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2010.
([3]) ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1.
([4]) ĠU L 189, 3.7.1998, p. 14.
([5]) ĠU L 177, 16.7.1996, p. 24.
([6]) ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33.
([7]) ĠU L 295, 13.11.2003, p. 1.

(5) Sabiex ikun żgurat li d-dispożizzjonijiet ta' programm ta' dokumentazzjoni tal-ICCAT dwar il-qbid tat-tonn ikunu faċli biex jinqraw u applikati b'mod uniformi, id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1984/2003 rigward id-dokument ta' statistika tat-tonn tal-ICCAT u ċ-ċertifikat ta' riesportazzjoni għandhom jitħassru. Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1984/2003 għandu jiġi emendat kif meħtieġ.

(6) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-traspożizzjoni ta' miżuri ġodda ta' konservazzjoni adottati mill-ICCAT, biex b'hekk ikunu aġġornati u ssupplimentati l-Annessi għal dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi programm tal-Unjoni ta' dokumentazzjoni dwar il-qbid tat-tonn sabiex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni Internazzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), waqt li jinkorpora d-dispożizzjonijiet tal-programm tal-ICCAT ta' dokumentazzjoni dwar il-qbid tat-tonn bil-ħsieb li tiġi identifikata l-oriġini tat-tonn kollu.

*Artikolu 2*

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Tonn" tfisser ħut tal-ispeċi *Thunnus thynnus* li jinsab fil-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda elenkati fl-Anness I;

(b) "Kummerċ domestiku" tfisser:

(i) il-kummerċ, fi Stat Membru wieħed jew bejn żewġ Stati Membri jew aktar, f'tonn maqbud fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT minn bastiment tal-qbid jew nassa tal-Unjoni, li jinħatt fit-territorju tal-Unjoni; u

(ii) il-kummerċ, fi Stat Membru wieħed jew bejn żewġ Stati Membri jew aktar, f'tonn imrobbi maqbud fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT minn bastiment tal-qbid tal-Unjoni, li jitqiegħed f'gaġġa f'farm stabbilit fit-territorju tal-Unjoni;

(ċ) "Esportazzjoni" tfisser kull moviment lejn pajjiż terz ta' tonn maqbud fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT minn bastiment tal-qbid jew nassa tal-Unjoni, inkluż mit-territorju tal-Unjoni, minn pajjiżi terzi jew minn żoni tas-sajd;

(d) "Importazzjoni" tfisser l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni, inkluż għal finijiet ta' żamma f'gaġeġ, tismin, teħid għall-qatla jew trasbord, tat-tonn maqbud fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT minn bastiment tal-qbid jew nassa ta' pajjiż terz;

(e) "Riesportazzjoni" tfisser kull moviment mit-territorju tal-Unjoni tat-tonn li kien importat qabel fit-territorju tal-Unjoni;

(f) "Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT" tfisser iż-żona identifikata mill-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku;

(g) "Stat Membru tal-bandiera" tfisser l-Istat Membru li l-bastiment tal-qbid qed itajjar il-bandiera tiegħu;

(h) "Stat Membru tan-Nassa" tfisser l-Istat Membru fejn in-nassa hija stabbilita;

(i) "Stat Membru tar-Razzett" tfisser l-Istat Membru fejn ir-razzett ikun stabbilit;

(j) "PKK" tfisser il-Partijiet Kontraenti, il-Partijiet mhux kontraenti f'kooperazzjoni, l-entitajiet u l-entitajiet tas-sajd tal-ICCAT;

(k) "Lott" tfisser kwantità ta' prodotti tat-tonn tal-istess preżentazzjoni u li joriġinaw mill-istess żona ġeografika rilevanti u l-istess bastiment tas-sajd, jew grupp ta' bastimenti tas-sajd, jew l-istess nassa tas-sajd.

KAPITOLU II

## DOKUMENT TAL-QBID TAT-TONN

*Artikolu 3*

### Dispożizzjonijiet ġenerali

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu dokument tal-qbid tat-tonn ("dokument tal-qbid") mimli għal kull tonn li jinħatt jew jiġi ttrasbordat fil-portijiet tagħhom, li jitqiegħed ġo gaġeġ kif speċifikat fl-Anness IV, u li jittieħed għall-qatla mill-irziezet tagħhom.

2. Kull lott ta' tonn kummerċjalizzat domestikament, importat fi, esportat jew riesportat mit-territorju tal-Unjoni għandu jkun akkumpanjat minn dokument tal-qbid validat, bl-eċċezzjoni ta' każijiet fejn japplika l-Artikolu 4(3) u, fejn applikabbli, minn dikjarazzjoni ta' trasferiment tal-ICCAT jew ċertifikat ta' riesportazzjoni tat-tonn validat ("ċertifikat ta' riesportazzjoni").

Għandu jkun ipprojbit kwalunkwe ħatt, trasbord, tqegħid ġo gaġeġ, teħid għall-qatla, kummerċ domestiku, importazzjoni, esportazzjoni jew riesportazzjoni ta' tonn mingħajr dokument tal-qbid mimli u validat u, fejn applikabbli, mingħajr ċertifikat ta' riesportazzjoni.

3. L-Istati Membri m'għandhomx iqiegħdu t-tonn ġewwa farm li mhux awtorizzat minn Stat Membru jew PKK jew li mhux elenkati fir-reġistru tal-ICCAT tal-faċilitajiet awtorizzati għat-trobbija biex joperaw fit-trobbija tat-tonn maqbud fiż-żona ta' Konvenzjoni tal-ICCAT.

4. L-Istati Membri tar-razzett għandhom jiżguraw li l-qabdiet tat-tonn jitqiegħdu f'gaġeġ jew serje ta' gaġeġ separati u jinqasmu abbażi tal-Istat Membru jew PKK tal-oriġini.

5. B'deroga mill-paragrafu 4, l-Istati Membri tar-razzett għandhom jiżguraw li t-tonn li jinqabad fil-kuntest ta' operazzjoni konġunta tas-sajd, kif definit bl-Artikolu 2(g) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 tas-6 ta' April 2009 dwar pjan multi-annwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran [1], għandu jitqiegħed f'gaġeġ jew serje ta' gaġeġ separati u jinqasam abbażi tal-operazzjonijiet konġunti tas-sajd.

6. L-Istati Membri tar-razzett għandhom jiżguraw li t-tonn jittieħed għall-qatla mill-irziezet fl-istess sena li jkun inqabad, jew qabel il-bidu tal-istaġun tas-sajd bil-purse seine, jekk jiġi meħud għall-qatla s-sena ta' wara. Fejn l-operazzjonijiet ta' teħid għall-qatla ma jispiċċawx f'dak il-perijodu, l-Istati Membri tar-razzett għandhom jimlew u jibagħtu d-dikjarazzjoni ta' trasferiment annwali lill-Kummissjoni fi żmien għaxart ijiem mit-tmiem ta' dak il-perijodu. Dik id-dikjarazzjoni għanda tinkludi:

— il-kwantitajiet (espressi f'kg) u numru ta' ħut maħsuba biex jiġu trasferiti,

— is-sena tal-qbid,

— il-kompożizzjoni tad-daqsijiet,

— l-Istat Membru jew il-PKK tal-bandiera, in-numru tal-ICCAT u l-isem il-bastiment tal-qbid,

— in-numri ta' referenza tad-dokument tal-qbid li jikkorrispondi għat-trasferiment tal-qbid,

— l-isem u n-numru tal-ICCAT tal-faċilità tat-tismin,

— in-numru tal-gaġġa, u

— l-informazzjoni dwar il-kwantitajiet meħuda għall-qatla (espressi f'kg), wara li timtela.

Il-Kummissjoni għandha tibgħat din id-dikjarazzjonijiet lis-Segretarjat tal-ICCAT fi żmien ħamest ijiem.

7. Kwantitajiet trasferiti skont il-paragrafu 6 għandhom jitqiegħdu f'gaġeġ jew serje ta' gaġeġ separati fir-razzett u jinqasam abbażi tas-sena tal-qbid.

8. L-Istati Membri tal-bandiera jew tan-nassa għandhom jipprovdu formoli tad-dokument tal-qbid biss lill-bastimenti tal-qbid u lin-nases tagħhom li jkunu awtorizzati jistadu għat-tonn fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT, inkluż bħala qbid sekondarju.

9. Kull formola tad-dokument tal-qbid għandha jkollha numru ta' identifikazzjoni uniku għad-dokument. In-numri tad-dokumenti għandhom ikunu speċifiċi għall-Istat Membru tal-bandiera jew tan-nassa u għandhom jiġu assenjati lil kull bastiment tal-qbid jew nassa. Formoli bħal dawn m'għandhomx ikunu trasferibbli għal bastiment ieħor tal-qbid jew nassa.

10. Il-kopji tad-dokumenti tal-qbid għandhom isegwu kull parti tal-lottijiet maqsuma jew prodott ipproċessat, bl-użu ta' numru uniku ta' identifikazzjoni tad-dokument tal-qbid oriġinali sabiex ikunu jistgħu jiġu intraċċati.

11. Il-kummerċ domestiku, l-importazzjoni, l-esportazzjoni u r-riesportazzjoni ta' partijiet tal-ħut minbarra l-laħam (jiġifieri l-irjus, l-għajnejn, il-bajd tal-ħut, l-imsaren u d-dnieb) għandhom ikunu eżenti mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Validazzjoni**

1. Il-kaptani tal-bastimenti tal-qbid, l-operaturi tan-nases, l-operaturi tal-irziezet, il-bejjiegħa, l-esportaturi, jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom, għandhom jimlew dokument tal-qbid, elettronikament jekk ikun possibbli, billi jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa fit-taqsimiet xierqa u għandhom jitolbu l-validazzjoni tiegħu skont il-paragrafu 2 f'kull okkażjoni meta jħottu, jittrasferixxu, iqiegħdu ġo gaġġa, jieħdu għall-qatla, jittrasbordaw, jikkummerċjalizzaw domestikament jew jesportaw it-tonn.

2. Id-dokument tal-qbid għandu jkun validat minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru li tiegħu hija l-bandiera, in-nassa jew li fih hemm ir-razzett jew l-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-bejjiegħ jew l-esportatur. L-Istati Membri għandhom jivvalidaw id-dokument tal-qbid għat-tonn kollu biss fejn:

(a) bastiment tal-qbid itajjar il-bandiera tal-Istat Membru jew nassa jew razzett ikunu stabbiliti fl-Istat Membru minn fejn it-tonn ittieħed għall-qatla,

[1] ĠU L 96, 15.4.2009, p. 1.

(b) l-informazzjoni kollha misjuba fid-dokument tal-qbid ġiet stabbilita bħala waħda preċiża bħala riżultat tal-verifika tal-lott,

(ċ) l-ammonti akkumulati biex jiġu validati ma jkunux jaqbżu l-kwoti jew ikunu fil-limiti ta' qbid tagħhom ta' kull sena ta' ġestjoni, inklużi, fejn adegwat, kwoti individwali allokati lill-bastimenti tal-qbid jew lin-nases, u

(d) it-tonn huwa konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-ICCAT.

3. Il-validazzjoni taħt il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu m'għandhiex tkun meħtieġa fejn it-tonn kollu disponibbli għall-bejgħ ikun ittikkettat, kif imsemmi fl-Artikolu 5, mill-Istat Membru tal-bandiera jew tan-nassa li stadu.

4. Fejn il-kwantitajiet tat-tonn li nqabad u nħatt ikun inqas minn tunnellata jew tliet ħutiet, il-ġurnal ta' abbord tas-sajd jew in-nota ta' bejgħ jistgħu jintużaw bħala dokument tal-qbid temporanju, sakemm issir il-validazzjoni tad-dokument tal-qbid fi żmien sebat ijiem u qabel il-kummerċ domestiku jew l-esportazzjoni.

5. Dokument ta' qbid validat għandu jinkludi, kif xieraq, l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II.

6. Mudell ta' dokument tal-qbid huwa stabbilit fl-Anness III. F'każijiet fejn taqsima mill-mudell tad-dokument tal-qbid ma tipprovdix spazju biżżejjed biex jiġi rintraċċat kompletament il-moviment tat-tonn mill-qbid sal-kummerċ, it-taqsima tal-informazzjoni rilevanti tista' tiġi mwessa' kif meħtieġ u mehmuża bħala anness. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tivvalida l-anness kemm jista' jkun malajr, iżda mhux aktar tard mill-moviment li jkun imiss tat-tonn.

7. L-istruzzjonijiet dwar il-ħruġ, in-numerazzjoni, il-mili, u l-validazzjoni tad-dokument tal-qbid huma stabbiliti fl-Anness IV.

*Artikolu 5*

**Tikkettar**

1. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-bastimenti tal-qbid jew in-nases tagħhom jittikkettaw kull tonn, preferibbilment fil-ħin li jinqatlu, iżda mhux aktar tard minn meta jinħattu. It-tikketti għandu jkollhom numri uniċi speċifiċi tal-Istat Membru u jkunu reżistenti għat-tbagħbis. Għandu jkun hemm rabta bejn in-numru tat-tikketta u d-dokument tal-qbid.

2. Sintesi tal-implimentazzjoni tal-programm ta' ttikkettar għandha tkun ippreżentata lill-Kummissjoni mill-Istati Membri konċernati. Il-Kummissjoni għandha tibgħat is-sintesijiet lis-Segretarjat tal-ICCAT f'perijodu ta' żmien raġonevoli.

3. L-użu tat-tikketti għandu jkun awtorizzat biss meta l-ammonti totali tal-qbid ma jkunux qabżu l-kwoti jew il-limiti tal-qbid tal-Istati Membri għal kull sena ta' ġestjoni, inklużi, fejn xieraq, kwoti individwali allokati lill-bastimenti jew lin-nases tal-qbid.

KAPITOLU III

**ĊERTIFIKAT TA' RIESPORTAZZJONI TAT-TONN**

*Artikolu 6*

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull lott ta' tonn li jiġi riesportat mit-territorju tagħhom ikun akkumpanjat minn ċertifikat ta' riesportazzjoni validat.

Iċ-ċertifikat ta' riesportazzjoni m'għandux japplika f'każijiet fejn it-tonn imrobbi jiġi importat ħaj.

2. L-operatur responsabbli mir-riesportazzjoni għandu jimla ċ-ċertifikat ta' riesportazzjoni billi jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa fit-taqsimiet xierqa tiegħu u jitlob il-validazzjoni tiegħu sabiex il-lott tat-tonn jiġi riesportat. Iċ-ċertifikat ta' riesportazzjoni mimli għandu jkun akkumpanjat minn kopja tad-dokument(i) ta' qbid validat(i) relatat(i) mat-tonn li kien ġie importat qabel.

*Artikolu 7*

**Validazzjoni tar-riesportazzjoni**

1. Iċ-ċertifikat ta' riesportazzjoni għandu jkun validat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-riesportazzjoni.

2. L-awtorità kompetenti għandha tivvalida ċ-ċertifikat ta' riesportazzjoni għall-prodotti tat-tonn kollha biss meta:

(a) jkun stabbilit li l-informazzjoni kollha fiċ-ċertifikat ta' riesportazzjoni tkun preċiża,

(b) id-dokument(i) tal-qbid validat(i) ppreżentat(i) b'appoġġ għaċ-ċertifikat ta' riesportazzjoni ġew aċċettati għall-importazzjoni tal-prodotti dikjarati fuq iċ-ċertifikat ta' riesportazzjoni,

(ċ) il-prodotti li jkunu ser jiġu riesportati jkunu kompletament jew parzjalment l-istess prodotti li jidhru fuq id-dokument(i) tal-qbid validat(i), u

(d) kopja tad-dokument(i) tal-qbid tkun/ikunu mehmuż(a) maċ-ċertifikat ta' riesportazzjoni.

3. Iċ-ċertifikat ta' riesportazzjoni validat għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fl-Anness V.

KAPITOLU IV

## KOMUNIKAZZJONI U VERIFIKA

*Artikolu 8*

### Komunikazzjoni u konservazzjoni tad-dokumenti validati

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw, b'mezzi elettroniċi, kopja tad-dokumenti tal-qbid jew taċ-ċertifikati ta' riesportazzjoni validati kollha, bl-eċċezzjoni tal-każijiet fejn japplika l-Artikolu 4(3), kemm jista' jkun malajr, u fi kwalunkwe każ fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mid-data ta' validazzjoni, jew mingħajr dewmien fejn it-tul ta' żmien mistenni tat-trasport m'għandux ikun ta' aktar minn ħamest ijiem ta' xogħol, lil dawn li ġejjin:

(a) il-Kummissjoni,

(b) l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew PKK fejn it-tonn ser ikun kummerċjalizzat domestikament, jew imrobbi jew importat, u

(ċ) is-Segretarjat tal-ICCAT.

2. L-Istati Membri għandhom iżommu kopji tad-dokumenti ta' qbid u taċ-ċertifikati ta' riesportazzjoni validati maħruġa jew irċevuti għal mill-inqas sentejn.

*Artikolu 9*

### Verifika

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jidentifikaw kull lott tat-tonn li jinħatt, jiġi ttrasbordat, ikun kummerċjalizzat domestikament fi, jew ikun importat fit-territorju jew esportat jew riesportat mit-territorju tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu u jeżaminaw id-dokument(i) tal-qbid validat(i) u d-dokumentazzjoni relatata ta' kull lott tat-tonn. L-eżami għandu jinkludi l-konsultazzjoni tad-database dwar il-validazzjoni miżmuma mis-Segretarjat tal-ICCAT.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jeżaminaw il-kontenut tal-lott sabiex jivverifikaw l-informazzjoni li tinsab fuq id-dokument tal-qbid u f'dokumenti relatati u, fejn meħtieġ, għandhom iwettqu l-verifiki mal-operaturi konċernati.

3. Jekk, bħala riżultat tal-eżamijiet jew verifiki mwettqa skont il-paragrafi 1 u 2, joħroġ xi dubju dwar l-informazzjoni li tinsab f'xi dokument tal-qbid, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti li vvalidaw id-dokument(i) tal-qbid jew iċ-ċertifikat(i) ta' riesportazzjoni biex jitneħħew dubji bħal dawn.

4. Jekk Stat Membru jidentifika lott mingħajr dokument tal-qbid, għandu jinnotifika is-sejbiet tiegħu lill-Istat Membru li bagħat il-lott, jew lill-PKK li qed jesporta u, fejn ikun magħruf, lill-Istat Membru tal-bandiera jew lill-PKK tal-bandiera.

5. Sakemm isiru l-eżamijiet jew il-verifiki skont il-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri m'għandhomx jagħtu r-rilaxx lill-lott għall-kummerċ domestiku, l-importazzjoni jew l-esportazzjoni, u lanqas, fil-każ ta' tonn ħaj destinat għall-irziezet, m'għandhom jaċċettaw id-dikjarazzjoni tat-trasferiment.

6. Fejn Stat Membru, bħala riżultat tal-eżamijiet jew verifiki skont il-paragrafu 1 u f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' validazzjoni konċernati, jiddetermina li dokument tal-qbid jew ċertifikat ta' riesportazzjoni huwa invalidu, għandhom ikunu pprojbiti l-kummerċ domestiku, l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew ir-riesportazzjoni tal-lott tat-tonn konċernat.

KAPITOLU V

## TRASMISSJONI TAD-DATA

*Artikolu 10*

### Informazzjoni dwar il-validazzjoni u l-punti ta' kuntatt

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni:

(a) l-isem u l-indirizz komplut tal-awtoritajiet tagħhom kompetenti għall-validazzjoni tad-dokumenti tal-qbid jew iċ-ċertifikati tar-riesportazzjoni,

(b) l-isem, it-titlu u l-kampjun tat-timbru jew tas-siġill tal-uffiċjali li jivvalidaw li ngħataw il-poter individwalment, u

(ċ) kif xieraq, kampjuni tat-tikketti.

2. In-notifika għandha tindika d-data li fiha l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tieħu effett. Dettalji aġġornati dwar l-awtoritajiet u l-uffiċjali ta' validazzjoni għandhom ikunu komunikati lill-Kummissjoni fi żmien xieraq.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-punti ta' kuntatt li għandhom ikunu infurmati meta jkun hemm mistoqsijiet relatati mad-dokumenti tal-qbid jew maċ-ċertifikati ta' riesportazzjoni, b'mod partikolari, isimhom.

4. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi fil-pront din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT.

*Artikolu 11*

**Rapport annwali dwar il-programm**

1. Sal-15 ta' Settembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, b'mezzi elettroniċi, rapport tal-programm li jinkludi l-informazzjoni stabbilita fl-Anness VI, li jkopri l-perijodu mill-1 ta' Lulju tas-sena ta' qabel sat-30 ta' Ġunju ta' dik is-sena

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-rapport annwali tal-programm tal-Unjoni u tikkomunikah lis-Segretarjat tal-ICCAT, sal-1 ta' Ottubru ta' kull sena.

KAPITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 12*

**Emendi għall-Annessi**

Sabiex jiġu applikati l-miżuri ta' konservazzjoni adottati mill-ICCAT, il-Kummissjoni tista' temenda, permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13 u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 14 u 15, l-Annessi għal dan ir-Regolament.

Fl-adozzjoni ta' dawn l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha taġixxi f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 13*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħat ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 12 għandhom jingħataw lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin wara 14 ta' Awwissu 2010. Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport fir-rigward tas-setgħat delegati mhux aktar tard minn sitt xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġġedded awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jirrevokaha skont l-Artikolu 14.

2. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika dan fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Is-setgħat ta' adozzjoni ta' atti delegati huma mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 14 u 15.

*Artikolu 14*

**Revoka tad-delega**

1. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 12 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

2. L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna biex tiddeċiedi jekk tirrevokax id-delega tas-setgħat għandha tagħmel ħilitha biex tinforma lill-istituzzjonijiet l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel tittieħed id-deċiżjoni finali.

3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tieħu effett immedjatament jew f'data aktar tard speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ. Għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 15*

**Oġġezzjonijiet għal atti delegati**

1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat f'perijodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika.

Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dan il-perijodu ta' żmien għandu jiġi estiż b'xahrejn.

2. Jekk, mal-iskadenza ta' dak il-perijodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat dan għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data msemmija fih.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal att delegat, dan m'għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tispjega r-raġunijiet għall-oġġezzjoni għall-att delegat.

*Artikolu 16*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1984/2003**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1984/2003 huwa emendat kif ġej:

(a) fit-titolu, il-kliem "tonn aħmar" huma mħassra;

(b) fl-Artikolu 1(a), il-kliem "tonn aħmar (*Thunnus thynnus*)" huma mħassra;

(ċ) fl-Artikolu 2, il-kliem "tonn aħmar" huma mħassra;

(d) fl-Artikolu 3, il-punt (a) huwa jitħassar;

(e) fl-Artikolu 4(1) l-ewwel inċiż huwa mħassar;

(f) fl-Artikolu 4(2)(b)(iii), il-kliem "tonn aħmar" huma mħassra;

(g) fl-Artikolu 5(1) l-ewwel inċiż huwa mħassar;

(h) fl-Artikolu 6(1), it-tieni paragrafu, il-punt (a) huwa mħassar;

(i) fl-Artikolu 8(a), il-kliem "tonn aħmar" huwa mħassar;

(j) fl-Artikolu 9(2), il-punt (a) huwa mħassar;

(k) l-Annessi I, IVa, IX u XV huma b'dan revokati.

2. Ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet mħassra tar-Regolament (KE) Nru 1984/2003 għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 17*

**Reviżjoni**

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi dan ir-Regolament wara r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-ICCAT, b'kont meħud tal-opinjonijiet xjentifiċi aġġornati dwar id-daqs tal-istokkijiet li jiġu ppreżentati fil-laqgħat tagħha, u għandha tippreżenta proposti għal kwalunkwe emenda li tista' tkun meħtieġa.

*Artikolu 18*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, is-7 ta' Lulju 2010.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
J. BUZEK

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
O. CHASTEL

*ANNESS I*

**PRODOTTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2(a)**

| Deskrizzjoni tal-Oġġetti | Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda [1] |
|---|---|
| Tonn ħaj (*Thunnus thynnus*) | 0301 94 00 |
| Tonn (*Thunnus thynnus*), frisk jew imkessaħ minbarra l-fletti u laħam ieħor | 0302 35 10 |
| Tonn sħiħ (*Thunnus thynnus*), frisk jew imkessaħ minbara l-fletti u laħam ieħor barra dak destinat għall-manifattura industrijali ta' ħut ippreparat jew ippreservat | 0302 35 90 |
| Tonn (*Thunnus thynnus*), iffriżat, minbarra l-fletti u laħam ieħor destinat għall-manifattura industrijali ta' ħut ippreparat jew ippreservat | 0303 45 11 |
| Tonn (*Thunnus thynnus*), iffriżat, li tneħħewlu l-garġi u hu mnaddaf minbarra l-fletti u laħam ieħor destinat għall-manifattura industrijali ta' ħut ippreparat jew ippreservat | 0303 45 13 |
| Tonn (*Thunnus thynnus*), iffriżat, minbarra meta jkun sħiħ jew mingħajr garġi u mnaddaf minbarra l-fletti u laħam ieħor destinat għall-manifattura industrijali ta' ħut ippreparat jew ippreservat | 0303 45 19 |
| Tonn (*Thunnus thynnus*), iffriżat, minbarra l-fletti u laħam ieħor barra dak destinat għall-manifattura industrijali ta' ħut ippreparat jew ippreservat | 0303 45 90 |
| Fletti tat-tonn (*Thunnus thynnus*) friski jew imkessħa | ex 0304 19 39 |
| Laħam ieħor minbarra l-fletti tat-tonn (*Thunnus thynnus*) frisk jew imkessaħ | ex 0304 19 39 |
| Fletti u laħam ieħor tat-tonn (*Thunnus thynnus*) iffriżati | ex 0304 29 45 |
| Laħam ieħor tat-tonn (*Thunnus thynnus*) | ex 0304 99 99 |
| Fletti tat-tonn (*Thunnus thynnus*), imnixxfin, immelħa jew fis-salmura iżda mhux affumikati | ex 0305 30 90 |
| Tonn affumikat (*Thunnus thynnus*) inklużi l-fletti | ex 0305 49 80 |
| Tonn imnixxef (*Thunnus thynnus*) immellaħ jew mhux iżda mhux affumikat | ex 0305 59 80 |
| Tonn (*Thunnus thynnus*) immellaħ iżda mhux imnixxef jew affumikat u fis-salmura | ex 0305 69 80 |
| Tonn (*Thunnus thynnus*) sħiħ jew imqatta' f'biċċiet iżda mhux ikkapuljat, ippreparat jew ippreservat fiż-żejt veġetali | ex 1604 14 11 |
| Tonn (*Thunnus thynnus*) sħiħ jew imqatta' f'biċċiet iżda mhux ikkapuljat, ippreparat jew ippreservat ħlief fiż-żejt veġetali u fi fletti magħrufa bħala qatgħat (loins) | ex 1604 14 16 |
| Tonn (*Thunnus thynnus*) sħiħ jew imqatta' f'biċċiet iżda mhux ikkapuljat, ippreparat jew ippreservat ħlief fiż-żejt veġetali u ħlief fi fletti magħrufa bħala qatgħat | ex 1604 14 18 |
| Tonn (*Thunnus thynnus*) minbarra tonn sħiħ jew imqatta' f'biċċiet imma mhux ikkapuljat, ippreparat jew ippreservat | ex 1604 20 70 |

[1] L-Anness 1 għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

*ANNESS II*

**DATA LI GĦANDHA TKUN INKLUŻA FID-DOKUMENT TAL-QBID TAT-TONN**

1. **Numru tad-dokument tal-qbid tat-tonn tal-ICCAT**
2. **Informazzjoni dwar il-qbid**

*Deskrizzjoni tal-bastiment jew tan-nassa*

Isem tal-bastiment tal-qbid jew tan-nassa

Stat tal-bandiera jew tan-nassa

Numru ta' reġistrazzjoni tal-ICCAT tal-bastimenti jew tan-nases (jekk applikabbli)

*Deskrizzjoni tal-qbid*

Data, żona tal-qbid u rkaptu użat

Għadd ta' ħut, piż sħiħ totali, u piż medju [1]

Numru tat-Tikketta (jekk applikabbli)

Numru ta' reġistrazzjoni tal-ICCAT ta' operazzjonijiet konġunti tas-sajd (jekk applikabbli)

*Validazzjoni tal-Gvern*

Isem tal-awtorità u l-firmatarju, titlu, firma, siġill u data

3. **Informazzjoni dwar il-kummerċ għall-kummerċ ta' ħut ħaj**

*Deskrizzjoni tal-prodott*

Piż ħaj totali, ammont ta' ħut, żona tal-qbid

*Informazzjoni dwar l-esportatur/il-bejjiegħ*

Punt ta' esportazzjoni jew tluq

Isem tal-kumpannija tal-esportazzjoni, indirizz, firma u data

Razzett (isem u Numru tal-ICCAT) u Stat tad-destinazzjoni

Deskrizzjoni tal-mezz ta' trasport (id-dokumenti rilevanti għandhom ikunu mehmuża)

*Informazzjoni dwar l-importatur/ix-xerrej*

Punt ta' importazzjoni jew destinazzjoni

Isem tal-kumpannija tal-importazzjoni, l-indirizz, il-firma u d-data tal-firma

*Validazzjoni tal-Gvern*

Isem tal-awtorità u l-firmatarju, titlu, firma, siġill u data

4. **Informazzjoni dwar it-trasferiment**

*Deskrizzjoni tal-bastiment tal-irmonk*

Numru tad-dikjarazzjoni tat-trasferiment tal-ICCAT

L-isem u l-bandiera tal-bastiment

Numru ta' reġistrazzjoni tal-ICCAT u numru tal-gaġġa tal-irmonk (jekk applikabbli)

Għadd ta' ħut li miet matul it-trasferiment, il-piż totali

[1] Il-piż għandu jkun irrappurtat bil-piż totali fejn disponibbli. Jekk ma jintużax il-piż totali, speċifika t-tip ta' prodott (eż. GG) fit-taqsima "Piż Totali" u "Piż Medju" tal-formola.

5. **Informazzjoni dwar it-trasbord**

*Deskrizzjoni tal-bastiment tal-ġarr*

Isem

Stat tal-bandiera

Numru ta' Reġistrazzjoni tal-ICCAT

Data

Port (l-isem u l-pajjiż jew il-pożizzjoni)

*Deskrizzjoni tal-prodott*

(F/FR; RD/GG/DR/FL/OT)

Piż totali (NETT)

*Validazzjoni tal-Gvern*

Isem tal-awtorità u l-firmatarju, titlu, firma, siġill u data

6. **Informazzjoni dwar it-trobbija**

*Deskrizzjoni tal-faċilità tat-trobbija*

L-isem, l-Istat Membru tar-razzett

Numru FFB tal-ICCAT u s-sit tar-razzett

Parteċipazzjoni fil-programm nazzjonali ta' kampjunar (iva jew le)

Deskrizzjoni tal-gaġġa

Data meta l-ħut tqiegħed fil-gaġġa, numru tal-gaġġa

*Deskrizzjoni tal-ħut*

Estimi tal-għadd ta' ħut, il-piż totali, u l-piż medju [1]

*Informazzjoni dwar l-Osservatur Reġjonali tal-ICCAT*

Isem, numru tal-ICCAT, firma

Kompożizzjoni stmata tad-daqsijiet (< 8 kg, 8-30 kg, > 30 kg)

*Validazzjoni tal-Gvern*

Isem tal-awtorità u l-firmatarju, titlu, firma, siġill u data

7. **Informazzjoni dwar it-teħid għall-qatla**

*Deskrizzjoni tat-teħid għall-qatla*

Data tat-teħid għall-qatla

Għadd ta' ħut, il-piż sħiħ totali u l-piż medju

Numri tat-tikketti (jekk applikabbli)

*Informazzjoni dwar l-Osservatur Reġjonali tal-ICCAT*

Isem, numru tal-ICCAT, firma

---

[1] Il-piż għandu jkun irrappurtat bil-piż totali fejn disponibbli. Jekk ma jintużax il-piż totali, speċifika t-tip ta' prodott (eż. GG) fit-taqsima "Piż Totali" u "Piż Medju" tal-formola.

*Validazzjoni tal-Gvern*

Isem tal-awtorità u l-firmatarju, titlu, firma, siġill u data

8. **Informazzjoni dwar il-kummerċ**

*Deskrizzjoni tal-prodott*

(F/FR; RD/GG/DR/FL/OT (fejn jiġu reġistrati tipi differenti ta' prodotti f'din it-taqsima, il-piż għandu jkun reġistrat għal kull tip ta' prodott)

Piż totali (NETT)

*Informazzjoni dwar l-esportatur/il-bejjiegħ*

Punt tal-esportazzjoni jew tat-tluq

Isem tal-kumpannija tal-esportazzjoni, l-indirizz, il-firma u d-data

Stat tad-destinazzjoni

Deskrizzjoni tal-mezz ta' trasport (id-dokumenti rilevanti għandhom ikunu mehmuża)

*Validazzjoni tal-Gvern*

Isem tal-awtorità u l-firmatarju, titlu, firma, siġill u data

*Informazzjoni dwar l-importatur/ix-xerrej*

Punt ta' importazzjoni jew destinazzjoni

Isem tal-kumpannija tal-importazzjoni, indirizz, firma u data tal-firma

*ANNESS III*

## MUDELL TA' DOKUMENT TAL-QBID TAT-TONN TAL-ICCAT

| **1. DOKUMENT TAL-QBID TAT-TONN TAL-ICCAT (BCD)** | Nru CC-YY-XXXXXX | 1/2 |
|---|---|---|

**2. INFORMAZZJONI DWAR IL-QBID**

BASTIMENT/NASSA

| | | |
|---|---|---|
| ISEM: | BANDIERA | Nru ta' REĠISTRAZZJONI ICCAT |
| | | |

DESKRIZZJONI TAL-QBID

| | | | |
|---|---|---|---|
| DATA (jj/xx/ss) | | ŻONA | IRKAPTU |
| Nru TA' ĦUT | | PIŻ TOTALI (kg) | PIŻ MEDJU (kg) |
| Nru Tat-Tikketta (jekk hu applikabbli) | | Nru ta' REĠISTRAZZJONI tal-ICCAT ta' Operazzjonijiet Konġunti tas-Sajd (jekk hu applikabbli | |

VALIDAZZJONI TAL-GVERN

| | | |
|---|---|---|
| ISEM TAL-AWTORITÀ | | SIĠILL |
| TITLU | | |
| FIRMA | | |
| DATA | | |

**3. INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ TA' ĦUT ĦAJ**

DESKRIZZJONI TAL-PRODOTT

| | | |
|---|---|---|
| PIŻ ĦAJ (kg) | Nru ta' ĦUT | ŻONA |

ESPORTATUR/BEJJIEGĦ

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| PUNT TA' ESPORTAZZJONI/TLUQ | KUMPANIJA | | INDIRIZZ | | |
| | | | | | |
| FARM LI GĦALIH HU DESTINAT | | STAT | | Nru FFB ICCATICCAT | |
| FIRMA | | | | | |
| DATA | | | | | |

DESKRIZZJONI TAL-MEZZ TA' TRASPORT (Dokumenti rilevanti għandhom ikunu mehmuża)

VALIDAZZJONI TAL-GVERN

| | | |
|---|---|---|
| ISEM TAL-AWTORITÀ | | SIĠILL |
| TITLU | | |
| FIRMA | | |
| DATA | | |

IMPORTATUR/XERREJ

| | | | |
|---|---|---|---|
| KUMPANIJA | | PT PUNT TA' IMPORTAZZJONI/DESTINAZZJONI (belt, pajjiż, Stat) | |
| INDIRIZZ | | | |
| DATA TAL-FIRMA | | FIRMA | |
| ANNESS(I): IVA/LE (agħmel ċirku ma' waħda) | | | |

**4. INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT**

DESKRIZZJONI TAL-BASTIMENT TAL-IRMONK

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Nru tad-DIKJARAZZJONI TAT-TRASFERIMENT ICCAT | | | | | |
| ISEM | | BANDIERA | | Nru ta' REĠISTRAZZJONI ICCAT | |
| Nru ta' ĦUT MEJJET MATUL IT-TRASFERIMENT | | | | PIŻ TOTALI TAL-ĦUT MEJJET (kg) | |
| DESKRIZZJONI TAL-GAĠĠA TAL-IRMONK | Nru tal-GAĠĠA | | | | |
| ANNESS(I): IVA/LE (agħmel ċirku ma' waħda) | | | | | |

**5. INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASBORD**

DESKRIZZJONI TAL-BASTIMENT TAL-ĠARR

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ISEM | BANDIERA | Nru ta' REĠISTRAZZJONI ICCAT | | |
| DATA (jj/xx/ss) | | ISEM TAL-PORT | | STAT TAL-PORT |
| POŻIZZJONI (LAT/LONĠ) | | | | |

DESKRIZZJONI TAL-PRODOTT (Indika l-piż nett f'kg għal kull tip ta' prodott)

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| F | RD (kg) | | GG (kg) | | DR (kg) | | FL (kg) | | OT(kg) | | PIŻ | |
| FR | RD (kg) | | GG (kg) | | DR (kg) | | FL (kg) | | OT(kg) | | PIŻ | |

VALIDAZZJONI TAL-GVERN

| | | |
|---|---|---|
| ISEM TAL-AWTORITÀ | | SIĠILL |
| TITLU | | |
| FIRMA | | |
| DATA | | |
| ANNESS(I): IVA/LE (agħmel ċirku ma' waħda) | | |

| DOKUMENT TAL-QBID TAT-TONN TAL-ICCAT (BCD) | Nru CC YY XXXXXX | 2/2 |
|---|---|---|

**6. INFORMAZZJONI DWAR IT-TROBBIJA**

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI TAL-FAĊILITÀ TAT-TROBBIJA | ISEM | | STAT | | Nru FFB ICCAT | |
| | PROGRAMM NAZZJONALI TA' KAMPJUNI? Iva jew Le | | SIT | | | |
| DESKRIZZJONI TAL-GAĠĠA | DATA (jj/xx/ss) | | Nru tal-GAĠĠA | | | |
| DESKRIZZJONI TAL-ĦUT | Nru tal-ĦUT | | PIŻ TOTALI (kg) | | PIŻ MEDJU (kg) | |
| INFORMAZZJONI DWAR L-OSSERVATUR REĠJONALI | ISEM | Nru ICCAT | | | FIRMA | |
| | KOMPOŻIZZJONI TAD-DAQS | < 8 Kg | | 8-30 Kg | | > 30 Kg |

VALIDAZZJONI TAL-GVERN

| | | |
|---|---|---|
| ISEM TAL-AWTORITÀ | | SIĠILL |
| TITLU | | |
| FIRMA | | |
| DATA | | |
| ANNESS(I): IVA/LE (agħmel ċirku ma' waħda) | | |

**7. INFORMAZZJONI DWAR IT-TEĦID GĦALL-QATLA**

DESKRIZZJONI TAT-TEĦID GĦALL-QATLA

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| DATA (jj/xx/ss) | | Nru ta' ĦUT | | PIŻ TOTALI (kg) | |
| PIŻ MEDJU (kg) | | Nru TAT-TIKKETTA (jekk hu applikabbli) | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| INFORMAZZJONI DWAR L-OSSERVATUR REĠJONALI | ISEM | | Nru ICCAT | | FIRMA |

VALIDAZZJONI TAL-GVERN

| | | |
|---|---|---|
| ISEM TAL-AWTORITÀ | | SIĠILL |
| TITLU | | |
| FIRMA | | |
| DATA | | |

**8. INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ**

DESKRIZZJONI TAL-PRODOTT (Indika l-piż *nett* f'kg għal kull tip ta' prodott

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| F | RD (kg) | | GG (kg) | | DR (kg) | | FL(kg) | | OT(kg) | | PIŻ | |
| FR | RD (kg) | | GG (kg) | | DR (kg) | | FL(kg) | | OT(kg) | | PIŻ | |

ESPORTATUR/BEJJIEGĦ

| | | |
|---|---|---|
| PUNT TA' ESPORTAZZJONI/TLUQ | KUMPANIJA | INDIRIZZ |
| | | |
| STAT TAD-DESTINAZZJONI | | |
| FIRMA | | |
| DATA | | |

| | |
|---|---|
| DESKRIZZJONI TAL-MEZZ TA' TRASPORT | (Dokument Relevanti għandhom ikunu mehmuża) |

VALIDAZZJONI TAL-GVERN

| | | |
|---|---|---|
| ISEM TAL-AWTORITÀ | | SIĠILL |
| TITLU | | |
| FIRMA | | |
| DATA | | |

IMPORTATUR/XERREJ

| | | | |
|---|---|---|---|
| KUMPANIJA | | PUNT TA' IMPORTAZZJONI/DESTINAZZJONI | |
| INDIRIZZ | | | |
| DATA | | FIRMA | |
| ANNESS(I): IVA/LE (agħmel ċrku ma' waħda) | | | |

*ANNESS IV*

**Istruzzjonijiet għall-ħruġ, in-numerazzjoni, l-mili u l-validazzjoni tad-dokument tal-qbid**

1. PRINĊIPJI ĠENERALI

(1) **Lingwa**

Jekk fil-mili tad-dokument tal-qbid tintuża lingwa oħra li mhix lingwa uffiċjali tal-ICCAT (Ingliż, Franċiż u Spanjol), miegħu għandha tiġi mehmuża t-traduzzjoni Ingliża.

(2) **Numerazzjoni**

L-Istati Membri iridu jiżviluppaw sistemi ta' numerazzjoni uniċi għad-dokumenti tal-qbid li jużaw il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri ISO tagħhom flimkien ma' numru li jikkonsisti mill-inqas minn tmien ċifri, li mill-inqas żewġ ċifri għandhom jindikaw is-sena tal-qbid.

Eżempju: FR-09-123456 (fejn FR tirreferi għal Franza)

Fil-każ ta' lottijiet maqsuma jew prodotti pproċessati, il-kopji tad-dokumenti tal-qbid iridu jiġu nnumerati billi n-numru tad-dokument tal-qbid oriġinali jiġi supplimentat b'numru b'żewġ ċifri.

Eżempju: FR-09-123456-01, FR-09-123456-02, FR-09-123456-03, eċċ.

In-numerazzjoni għandha tkun sekwenzjali u prefiribbilment stampata. In-numri tas-serje ta' dokumenti tal-qbid vojta maħruġa għandhom jiġu reġistrati skont l-isem tad-destinarju.

(3) **Validazzjoni**

Il-mudell tad-dokument tal-qbid m'għandux jitqies bħala sostitut għall-awtorizzazzjoni minn qabel għat-trasferiment jew l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid f'gaġeġ.

2. INFORMAZZJONI DWAR IL-QBID

(1) **Mili**

(a) Prinċipji ġenerali

Din it-taqsima hija applikabbli għall-qabdiet kollha tat-tonn.

Il-kaptan tal-bastiment tal-qbid jew l-operatur tan-nases jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħhom jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-Istat Membru tal-bandiera jew tan-nassa huwa responsabbli għall-mili u t-talba għall-validazzjoni tat-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IL-QBID.

It-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IL-QBID għandha timtela l-aktar tard sa tmiem l-ewwel trasferiment għal ġo gaġeġ irmunkati, operazzjoni ta' trasbord jew ta' ħatt.

NB: fil-każ ta' operazzjonijiet konġunti tas-sajd, il-kaptan ta' kull bastiment tal-qbid involut fl-operazzjoni konġunta tas-sajd għandu jimla d-dokument tal-qbid għal kull qabda.

(b) Istruzzjonijiet speċifiċi

"BANDIERA": indika l-Istat Membru tal-bandiera jew tan-nassa.

"Numru ta' Reġistrazzjoni tal-ICCAT": indika n-numru tal-ICCAT tal-bastiment tal-qbid jew tan-nassa awtorizzati jistadu għat-tonn fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT. Din l-informazzjoni mhijiex applikabbli għall-bastimenti tal-qbid li jistadu għat-tonn bħala qbid sekondarju.

"RKAPTU": indika l-irkaptu tas-sajd li juża l-kodiċijiet li ġejjin

| | |
|---|---|
| BB | Boil-lixka |
| GILL | Għeżula |
| HAND | Xlief tal-idejn |
| HARP | Foxna |
| LL | Konz |
| MWT | Xbieki tat-tkarkir f'nofs l-ilma |
| PS | Purse Seine |
| RR | Qasba u rukkell |
| SURF | Sajd tal-wiċċ mhux ikklassifikat |
| TL | Xlief ikkurat |
| TRAP | Nassa |
| TROL | Troll |
| UNCL | Metodi mhux speċifikati |
| OT | Oħrajn |

"PIŻ TOTALI": indika l-piż sħiħ f'kilogrammi. Jekk il-piż sħiħ ma jintużax fil-ħin tal-qabda, indika t-tip ta' prodott (eż. GG). Fil-każ ta' operazzjonijiet konġunti tas-sajd, il-kwantità rrappurtata għandha tikkorrispondi mal-kodiċi ta' allokazzjoni ddefinit għal kull bastiment tal-qbid.

"ŻONA": indika jekk hux il-Mediterran, l-Atlantiku tal-Punent jew l-Atlantiku tal-Lvant.

"Numru tat-Tikketti (jekk applikabbli)": jistgħu jiżdiedu linji addizzjonali biex ikun permess l-elenkar ta' kull numru tat-tikketti għal kull ħuta individwali.

(2) **Validazzjoni**

L-Istat Membru tal-bandiera jew tan-nassa huwa responsabbli għall-validazzjoni tat-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IL-QBID sakemm it-tonn ma jkunx ittikkettat f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.

Għall-ħut li nħatt jew li ġie trasbordat, il-validazzjoni għandha sseħħ mhux aktar tard mit-tmiem tal-operazzjoni tat-trasbord jew tal-ħatt.

Għal ħut ħaj trasferit, il-validazzjoni tista' sseħħ fil-ħin tal-ewwel trasferiment għal ġo gaġeġ irmunkati, iżda għandha sseħħ fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mit-tmiem tal-operazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ.

3. INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ GĦALL-KUMMERĊ ta' ĦUT ĦAJ

(1) **Mili**

(a) Prinċipji ġenerali:

Din it-taqsima hija applikabbli biss għall-kummerċ domestiku u l-esportazzjoni tat-tonn ħaj.

Il-kaptan tal-bastiment tal-qbid jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-Istat Membru tal-bandiera huwa responsabbli għall-mili u t-talba għall-validazzjoni tat-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ GĦALL-KUMMERĊ ta' ĦUT ĦAJ.

It-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ GĦALL-KUMMERĊ ta' ĦUT ĦAJ għandha timtela mhux aktar tard minn tmiem l-ewwel trasferiment għal ġo gaġeġ irmunkati.

NB: meta kwantità ta' ħut imut matul l-operazzjoni tat-trasferiment u jiġi kkummerċjalizzat u esportat domestikament, id-dokument tal-qbid oriġinali (it-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IL-QBID mimlija u, fejn applikabbli, ivvalidata) irid jiġi kkopjat, u t-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ tad-dokument tal-qbid ikkopjat trid timtela mill-kaptan tal-bastiment tal-qbid jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-Istat Membru tal-bandiera u trasmessa lix-xerrej/importatur domestiku. Il-validazzjoni tal-kopja tiggarantixxi li hija kopja awtentika u li ġiet irreġistrata mill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat.

Mingħajr tali validazzjoni, kwalunkwe kopja tad-dokument tal-qbid tkun nulla u bla effett.

(b) Istruzzjonijiet speċifiċi:

"ŻONA": indika ż-żona ta' trasferiment, jekk hux il-Mediterran, l-Atlantiku tal-Punent jew l-Atlantiku tal-Lvant.

"PUNT ta' ESPORTAZZJONI/TLUQ": indika l-Istat Membru jew l-isem tal-PKK taż-żona tas-sajd fejn ikun ġie ttrasferit it-tonn jew inkella indika "ibħra internazzjonali".

"DESKRIZZJONI TAT-TRASPORT": ehmeż kwalunkwe dokument rilevanti li jiċċertifika l-kummerċ.

(2) **Validazzjoni**

L-Istat Membru tal-bandiera m'għandux jivvalida d-dokumenti tal-qbid meta t-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IL-QBID ma tkunx imtliet u, fejn applikabbli, ġiet ivvalidata.

Il-validazzjoni tista' sseħħ fil-ħin tal-ewwel trasferiment għal ġo gaġeġ irmunkati, iżda fi kwalunkwe każ għandha sseħħ mhux aktar tard mit-tmiem tal-operazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ.

4. INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT

(1) **Mili**

(a) Prinċipji ġenerali:

Din it-taqsima hija applikabbli biss għat-tonn ħaj.

Il-kaptan tal-bastiment tal-qbid jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-Istat Membru tal-bandiera huwa responsabbli għall-mili tat-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT.

It-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT trid timtela mhux aktar tard minn tmiem l-ewwel operazzjoni ta' trasferiment.

Fi tmiem l-ewwel operazzjoni ta' trasferiment, il-kaptan tal-bastiment tal-qbid għandu jipprovdi d-dokument tal-qbid (it-taqsimiet tal-INFORMAZZJONI DWAR IL-QBID, l-INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ GĦALL-KUMMERĊ ta' ĦUT ĦAJ u l-INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT mimlijin u, fejn applikabbli, ivvalidati) lill-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar.

Id-dokument tal-qbid mimli u, fejn applikabbli, ivvalidat għandu jakkumpanja t-trasferiment tal-ħut matul it-trasport għar-razzett, inkluż it-trasferiment ta' tonn ħaj mill-gaġġa tat-trasport għal gaġġa tat-trasport oħra jew it-trasport ta' tonn mejjet mill-gaġġa tat-trasport għal bastiment awżiljarju.

NB: meta xi ħut imut matul l-operazzjoni tat-trasport, id-dokument tal-qbid oriġinali (it-taqsimiet tal-INFORMAZZJONI DWAR IL-QBID, l-INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ GĦALL-KUMMERĊ ta' ĦUT ĦAJ u l-INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT mimlijin u, fejn applikabbli, ivvalidati) għandu jiġi kkopjat, u t-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ tad-dokument tal-qbid ikkopjat għandha timtela mill-bejjiegħ/esportatur domestiku jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-Istat Membru tal-bandiera u trasmessa lix-xerrej/importatur domestiku. Il-validazzjoni tal-kopja tiggarantixxi li hija kopja awtentika u li ġiet irreġistrata mill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat. Mingħajr tali validazzjoni, kwalunkwe kopja tad-dokument tal-qbid tkun nulla u bla effett.

(b) Istruzzjonijiet speċifiċi:

"Nru ta' ĦUT MEJJET MATUL IT-TRASFERIMENT" u "PIŻ TOTALI ta' ĦUT MEJJET": informazzjoni mimlija (jekk applikabbli) mill-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar.

"Nru tal-GAĠĠA": indika in-numru ta' kull gaġġa fil-każ ta' bastiment tal-irmunkar li jkollu aktar minn gaġġa waħda.

(2) **Validazzjoni**

Il-validazzjoni ta' din it-taqsima mhijiex meħtieġa.

5. INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASBORD

(1) **Mili**

(a) Prinċipji ġenerali:

Din it-taqsima hija applikabbli biss għat-tonn mejjet.

Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd tat-trasbord jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-Istat Membru tal-bandiera huwa responsabbli għall-mili u t-talba għall-validazzjoni tat-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASBORD.

It-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASBORD għandha timtela mhux aktar tard minn tmiem l-operazzjoni ta' trasbord.

(b) Istruzzjonijiet speċifiċi:

"DATA": indika d-data tat-trasbord.

"ISEM TAL-PORT": indika l-port tat-trasbord magħżul.

"STAT TAL-PORT": indika l-Istat Membru jew il-PKK tal-port tat-trasbord magħżul.

(2) **Validazzjoni**

L-Istat Membru tal-bandiera m'għandux jivvalida d-dokumenti tal-qbid meta t-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IL-QBID ma tkunx imtliet u, fejn applikabbli, ġiet ivvalidata.

Il-validazzjoni għandha sseħħ mhux aktar tard minn tmiem l-operazzjoni ta' trasbord.

6. INFORMAZZJONI DWAR IT-TROBBIJA

(1) **Mili**

(a) Prinċipji ġenerali:

Din it-taqsima hija applikabbli biss għat-tonn ħaj imqiegħed ġo gaġeġ.

Il-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar għandu jipprovdi d-dokument tal-qbid (it-taqsimiet tal-INFORMAZZJONI DWAR IL-QBID, l-INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ GĦALL-KUMMERĊ ta' ĦUT ĦAJ u l-INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT mimlijin u, fejn applikabbli, ivvalidati) lill-operatur tar-razzett fil-ħin tat-tqegħid ġo gaġeġ.

L-operatur tar-razzett jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-Istat Membru tar-razzett huwa responsabbli għall-mili u t-talba għall-validazzjoni tat-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IR-RAZZETT.

It-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IR-RAZZETT għandha timtela mhux aktar tard minn tmiem l-operazzjoni tat-tqegħid f'gaġeġ.

(b) Istruzzjonijiet speċifiċi:

"Nru tal-GAĠĠA": indika n-numru ta' kull gaġġa.

"Informazzjoni dwar l-Osservatur Reġjonali tal-ICCAT": indika l-isem, in-numru tal-ICCAT u l-firma.

(2) **Validazzjoni**

L-Istat Membru tar-razzett huwa responsabbli għall-validazzjoni tat-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IR-RAZZETT.

L-Istat Membru tar-razzett m'għandux jivvalida d-dokumenti tal-qbid meta t-taqsimiet tal-INFORMAZZJONI DWAR IL-QBID, l-INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ GĦALL-KUMMERĊ ta' ĦUT ĦAJ u l-INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT ma jkunux imtlew u, fejn applikabbli, ġew ivvalidati.

Il-validazzjoni għandha sseħħ mhux aktar tard minntmiem l-operazzjoni tat-tqegħid ġo gaġeġ.

7. INFORMAZZJONI DWAR IT-TEĦID GĦALL-QATLA

(1) **Mili**

(a) Prinċipji ġenerali:

Din it-taqsima hija applikabbli biss għat-tonn imrobbi li jkun miet.

L-operatur tar-razzett jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-Istat Membru tar-razzett huwa responsabbli għall-mili u t-talba għall-validazzjoni tat-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IT-TEĦID GĦALL-QATLA.

It-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IT-TEĦID GĦALL-QATLA għandha timtela mhux aktar tard minn tmiem l-operazzjoni tat-teħid għall-qatla.

(b) Istruzzjonijiet speċifiċi:

"Numru tat-TIKKETTI (jekk applikabbli)": jistgħu jiżdiedu linji addizzjonali biex ikun permess l-elenkar ta' kull numru ta' tikketta għal kull ħuta individwali.

"Informazzjoni dwar l-Osservatur Reġjonali tal-ICCAT": indika l-isem, in-numru tal-ICCAT u l-firma.

(2) **Validazzjoni**

L-Istat Membru tar-razzett huwa responsabbli għall-validazzjoni tat-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IT-TEĦID GĦALL-QATLA.

L-Istat Membru tar-razzett m'għandux jivvalida d-dokumenti tal-qbid meta t-taqsimiet tal-INFORMAZZJONI DWAR IL-QBID, l-INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ GĦALL-KUMMERĊ ta' ĦUT ĦAJ, l-INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT u l-INFORMAZZJONI DWAR IT-TROBBIJA ma jkunux imtlew u, fejn applikabbli, ġew ivvalidati.

Il-validazzjoni għandha sseħħ mhux aktar tard minn tmiem l-operazzjoni tat-teħid għall-qatla.

8. INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ

(1) **Mili**

(a) Prinċipji ġenerali:

Din it-taqsima hija applikabbli għall-kummerċ jew l-esportazzjoni domestiċi ta' tonn mejjet.

Il-bejjiegħ jew l-esportatur domestiku jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħhom jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-Istat Membru tal-bejjiegħ/l-esportatur huwa responsabbli għall-mili u t-talba għall-validazzjoni tat-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ, ħlief is-sub-taqsima tal-IMPORTATUR/XERREJ.

It-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ, ħlief is-sub-taqsima tal-IMPORTATUR/XERREJ, għandha timtela qabel ma l-ħut jiġi kkummerċjalizzat jew esportat domestikament.

Fil-każ tal-kummerċ domestiku, is-sub-taqsima tal-IMPORTATUR/XERREJ għandha timtela mix-xerrej domestiku wara li l-ħut ikun ġie kkummerċjalizzat domestikament.

Fil-każ tal-kummerċ internazzjonali, is-sub-taqsima tal-IMPORTATUR/XERREJ għandha timtela mill-importatur.

(b) Istruzzjonijiet speċifiċi:

"DESKRIZZJONI TAT-TRASPORT": ehmeż kwalunkwe dokument rilevanti li jiċċertifika l-kummerċ.

(2) **Validazzjoni**

L-Istat Membru tax-xerrej/esportatur huwa responsabbli għall-validazzjoni tat-taqsima tal-INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ (ħlief is-sub-taqsima tal-IMPORTATUR/XERREJ) sakemm it-tonn ma jkunx ittikkettat f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.

NB: f'każijiet meta aktar minn kummerċ jew esportazzjoni domestika waħda jirriżultaw minn dokument wieħed tal-qbid, kopja tad-dokument tal-qbid oriġinali għandha tiġi vvalidata mill-Istat Membru tal-bejjiegħ jew l-esportatur domestiku u għandha tintuża u tiġi aċċettata bħala dokument tal-qbid oriġinali. Il-validazzjoni tal-kopja tiggarantixxi li hija kopja awtentika u li ġiet irreġistrata mill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat. Mingħajr tali validazzjoni, kwalunkwe kopja tad-dokument tal-qbid tkun nulla u bla effett.

NB: F'każijiet ta' riesportazzjoni, iċ-ĊERTIFIKAT ta' RIESPORTAZZJONI għandu jintuża għall-ittraċċar ta' aktar attivitajiet, li jridu jkunu relatati mal-informazzjoni tad-dokument tal-qbid oriġinali permezz tan-numru tad-dokument tal-qbid oriġinali.

Meta t-tonn jinqabad minn bastiment tal-qbid jew nassa li jtajjar il-bandiera jew li jkun stabbilit fi Stat Membru jew PKK li juża s-sistema tal-ittikkettar, imbagħad jiġi esportat mejjet u riesportat, id-dokument tal-qbid li jakkumpanja ċ-ĊERTIFIKAT ta' RIESPORTAZZJONI m'għandux għalfejn jiġi vvalidat. Madankollu, ċ-ĊERTIFIKAT ta' RIESPORTAZZJONI għandu jiġi vvalidat.

Wara l-importazzjoni, tonn jista' jinqasam f'diversi biċċiet, li mbagħad jistgħu sussegwentement jiġu esportati. F'dan il-każ, l-Istat Membru tar-riesportazzjoni jew PKK għandhom jikkonfermaw li l-biċċa riesportata hija parti mill-ħuta oriġinali akkumpanjata mid-dokument tal-qbid.

*ANNESS V*

**DATA LI GĦANDHA TKUN INKLUŻA FIĊ-ĊERTIFIKAT TA' RIESPORTAZZJONI TAT-TONN TAL-ICCAT**

1. **Numru tad-dokument taċ-ċertifikat ta' riesportazzjoni**

2. **Taqsima dwar ir-riesportazzjoni**

   Stat Membru li qed jirriesporta

   Punt tar-riesportazzjoni

3. **Deskrizzjoni tat-tonn importat**

   Tip ta' prodott F/FR RD/GG/DR/FL/OT (meta jiġu reġistrati tipi differenti ta' prodotti f'din it-taqsima, il-piż għandu jkun reġistrat għal kull tip ta' prodott)

   Piż nett (kg)

   Numru/i tad-dokument tal-qbid u d-data/i tal-importazzjoni

   Bandiera/Bnadar tal-bastiment(i) tas-sajd jew l-Istat tal-istabbiliment tan-nassa, fejn xieraq

4. **Deskrizzjoni tat-tonn li ser ikun riesportat**

   Tip ta' prodott F/FR RD/GG/DR/FL/OT (meta jiġu reġistrati tipi differenti ta' prodotti f'din it-taqsima, il-piż għandu jkun reġistrat għal kull tip ta' prodott)

   Piż nett (kg)

   Numru/i tad-dokument tal-qbid korrispondenti mit-taqsima 3

   Stat tad-destinazzjoni

5. **Dikjarazzjoni ta' min ser jirriesporta**

   Isem

   Indirizz

   Firma

   Data

6. **Validazzjoni mill-awtoritajiet**

   Isem u indirizz tal-awtorità

   Isem u pożizzjoni tal-uffiċjal

   Firma

   Data

   Siġill tal-Gvern

7. **Taqsima dwar l-importazzjoni**

   Dikjarazzjoni mill-importatur fl-Istat Membru jew PKK tal-importazzjoni tal-lott tat-tonn

   Isem u indirizz tal-importatur

   Isem u firma tar-rappreżentant tal-importatur u d-data

   Punt tal-importazzjoni: Belt u PKK

   Nota – Kopji tad-dokument(i) tal-qbid u d-Dokument(i) tat-trasport għandhom ikunu mehmuża

| 1. NUMRU TAD-DOKUMENT | ĊERTIFIKAT TA' RIESPORTAZZJONI TAT-TONN TAL-ICCAT |
|---|---|

**2. TAQSIMA DWAR IR-RIESPORTAZZJONI:**

**PAJJIŻ/ENTITÀ/ENTITÀ TAS-SAJD LI QED JIRRIESPORTA**

**PUNT TAR-RIESPORTAZZJONI**

**3. DESKRIZZJONI TAT-TONN IMPORTAT**

| Tip ta' Prodott F/FR RD/GG/DR/FL/OT | | Piż Nett (kg) | Bandiera PKK | Data tal-Importazzjoni | Nru tal-BCD |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

**4. DESKRIZZJONI TAT-TONN LI SE JKUN RIESPORTAT**

| Tip ta' Prodott F/FR RD/GG/DR/FL/OT | | Piż Nett (kg) | Numru Korrispondenti tal-BCD |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | | | |
| | | | |

F = Frisk. FR = Friżat: RD = Tond GG = Mingħajr Garġi u Mnaddaf, DR = Imlibbes.
FL = Flett. OT = Oħrajn (Iddeskrivi t-tip ta' prodott: )

**STAT TAD-DESTINAZZJONI:**

**5. DIKJARAZZJONI TA' MIN SER JIRRIESPORTA:**

Jien niddikjara li l-informazzjoni mogħtija hawn fuq hija sħiħa, vera u korretta sakemm naf u nemmen jien

**Isem** **Indirizz** **Firma** **Data**

**6. VALIDAZZJONI TAL-GVERN:**

Jien nivvalida li l-informazzjoni mogħtija hawn fuq hija sħiħa, vera u korretta sakemm naf u nemmen jien.

**Isem u Titlu** **Firma** **Data** **Siġill tal-Gvern**

**7. TAQSIMA DWAR L-IMPORTAZZJONI**

**DIKJARAZZJONI MILL-IMPORTATUR**

Jien niddikjara li l-informazzjoni mogħtija hawn fuq hija sħiħa, vera u korretta sakemm naf u nemmen jien.

Ċertifikazzjoni tal-Importatur

**Isem** **Indirizz** **Firma** **Data**

**Punt finali ta' Importazzjoni: Belt** **Stat/Provinċja** **PKK**

NOTA: JEKK TINTUŻA LINGWA OĦRA LI MHIJIEX L-INGLIŻ SABIEX TIMTELA DIN IL-FORMULA JEKK JOGĦĠBOK EĦMEŻ IT-TRADUZZJONI INGLIŻA ma' DAN ID-DOKUMENT

* Ghandhom ikunu mehmuża dokumenti validi tat-trasport u kopji tal-BCD.

*ANNESS VI*

**RAPPORT DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM TAD-DOKUMENTAZZJONI TAL-ICCAT DWAR IL-QBID TAT-TONN**

L-Istat Membru li jirrapporta:

Perijodu ta' referenza: mill-1 ta' Lulju [2XXX] sat-30 ta' Ġunju [2XXX]

1. **Informazzjoni meħuda mid-dokumenti ta' qbid**

— l-għadd ta' dokumenti tal-qbid validati,

— l-għadd ta' dokumenti tal-qbid validati riċevuti minn Stati Membri jew PKK,

— l-ammont totali ta' tonn ikkumerċjalizzat domestikament, skont iż-żona tas-sajd u l-irkaptu tas-sajd,

— l-ammont totali ta' tonn importat, esportat, trasferit lejn l-irziezet, riesportat skont il-PKK tal-oriġini, tar-riesportazzjoni jew tad-destinazzjoni, iż-żoni tas-sajd u l-irkaptu tas-sajd,

— l-għadd ta' verifiki ta' dokumenti tal-qbid mitluba minn Stati Membri oħra jew PKK u sinteżi tar-riżultati,

— l-għadd ta' verifiki ta' dokumenti tal-qbid mitluba minn Stati Membri oħra jew PKK u sinteżi tar-riżultati,

— l-ammont totali tal-lottijiet ta' tonn soġġetti għal deċiżjoni ta' projbizzjoni b'analiżi tal-istatistika skont il-prodotti, in-natura tal-operazzjoni (kummerċ domestiku, importazzjoni, esportazzjoni, riesportazzjoni, trasferiment lejn l-irziezet), raġunijiet għal projbizzjoni u l-Istati Membri, il-PKK u/jew il-Partijiet mhux Kontraenti tal-oriġini jew tad-destinazzjoni.

2. **Informazzjoni dwar il-lottijiet skont l-Artikolu 9(1) u (2) ta' dan ir-Regolament**

— l-għadd ta' lottijiet,

— l-ammont total ta' tonn b'analiżi tal-istatistika skont il-prodott, in-natura tal-operazzjoni (kummerċ domestiku, importazzjoni, esportazzjoni, riesportazzjoni, trasferiment lejn l-irziezet), l-Istati Membri, il-PKK jew pajjiżi oħra msemmija fl-Artikolu 9(1) u (2) ta' dan ir-Regolament.